**A.L. 357 ta' l-2002**

## ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI (KAP. 376)

### Regolamenti ta' l-2002 dwar Pieni u Penali għal Reati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Ministru tal-Finanzi għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Pieni u Penali għal Reati. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx tehtieġ xort'oħra - Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

"Awtorità Kompetenti" tfisser il-korp nominat taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att;

"Direttiva dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji" tfisser kull direttiva maħruġa mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (2) ta' artikolu (13) ta' l-Att;

"Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt is-subartikolu (1) ta' artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji.

**3.** (1) Kull persuna misjuba ħatja ta' reat taħli tkun għamlet kontravvenzjoni kontra xi disposizzjoni ta' l-Att li tidher fl-ewwel kolonna ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti tista' teħel il-ħlas tal-multa korrispondenti mniżżla fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda msemmija jew tal-perjodu korrispondenti ta' priġunerija mniżżel fit-tielet kolonna taghha jew għal tali multa u priġunerija flimkien. Penali.

(2) Minghajr pregudizzju għal kull dispożizzjoni regolatorja ta' l-Att u għal kull dispożizzjoni regolatorja taħt xi liġi oħra, għal kull nuqqas minn xi persuna milli tikkonforma ma' xi disposizzjoni ta' l-

Att li tidher fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda ta' dawn ir-regolamenti u li tkun tikkonsisti fl-att jew ommissjoni korrispondenti deskritta fit-tieni kolonna taghha, l-Awtorità Kompetenti tista' timponi bhala penali amministrattiva, is-somma korrispondenti li tidher fit-tielet kolonna ta' l-Iskeda msemmija.

Appell.

**4.** (1) Kull persuna tista' tappella quddiem it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji kontra kull deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti li timponi fuqha xi penali amministrattiva skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 21 ta' l-Att ghandhom japplikaw mutatis mutandis ghal kull appell li jsir taht dan ir-regolament.

(3) Kull appell taht dan ir-regolament ghandu, fil-każijiet kollha, jissospendi l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni appellata u d-deċiżjoni tat-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji dwar kull appell bhal dak ghandha tkun finali.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 3(1)

**Penali li huma infurzati bi prosekuzzjoni fil-Qrati ta' Malta**

| **L-ewwel Kolonna**<br>**Disposizzjoni** | **It-tieni Kolonna**<br>**Multa** | **It-tielet Kolonna**<br>**Priġunerija** |
|---|---|---|
| Art 22(1)<br>sakemm ma jigix<br>speċifikat mod ieħor<br>hawn taħt | mhux anqas minn Lm400<br>iżda mhux aktar minn<br>Lm100,000 | mhux anqas minn<br>tliet xhur<br>iżda mhux aktar<br>minn sena |

| **Disposizzjoni** | **Multa** | **Priġunerija** |
|---|---|---|
| Art 22(1)(a) b'<br>riferenza għal Art 3(1) | mhux anqas minn Lm2,000<br>iżda mhux aktar minn<br>Lm200,000 | mhux anqas minn<br>sitt xhur<br>iżda mhux aktar<br>minn sena |
| Art 22(1)(a) b'<br>riferenza għal<br>Art 8(2) | mhux anqas minn Lm100 | |
| Art 22(1)(a) b'<br>riferenza għal Art 9 (2) | mhux anqas minn Lm100 | |
| Art 22(1)(a) b'<br>riferenza għal<br>kull nuqqas taħt<br>Art 14(8) u Art(11) | mhux anqas minn Lm40<br>mhux aktar minn Lm400 | mhux anqas minn<br>ġimgħa<br>iżda mhux aktar<br>minn xahar |
| Art 22(1)(a) b'<br>riferenza għal Art<br>22(1) u (2) | mhux anqas minn Lm200<br>iżda mhux aktar minn<br>Lm4,000 | mhux aktar minn<br>xahrejn |

| | | |
|---|---|---|
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 25(2) | mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm4,000 | mhux aktar minn xahrejn |
| Art 22(1)(c) | mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm2,000 | |
| Art 22(1)(d) | mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm2,000 | |
| Art 22(1)(e) | mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm2,000 | |
| Art 22(1)(f) | mhux anqas minn Lm40 iżda mhux aktar minn Lm4,000 | mhux anqas minn xahar iżda mhux aktar minn sena |

IT-TIENI SKEDA

Regolament 3(2)

**Penali amministrattivi li jistgħu jkunu imposti mill-Awtorità Kompetenti mingħajr ma ssir seduta**

| **L-ewwel Kolonna Dispożizzjoni** | **It-tieni Kolonna Att jew Ommissjoni** | **It-tielet Kolonna Penali** |
|---|---|---|
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 3(3) | nuqqas ta' ħlas tal-liċenzja | Lm10 fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 5(1)(a) | nuqqas tal-fondi ta' istituzzjoni finanzjarja nnifisha li jiksbu l-livell preskritt fil-perjodu stabbilit mill-Awtorità Kompetenti | Lm20 fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 7A. | nuqqas ta' notifika lil Awtorità Kompetenti dwar bdil ta' informazzjoni | Lm10 fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 8 | nuqqas ta' informazzjoni lil Awtorità Kompetenti dwar ftuħ ta' fergħa eċċ. ġdida f'Malta jew barra minn Malta | Lm100 |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 14 | nuqqas ta' notifika lill-Awtorità Kompetenti dwar partikolaritajiet jew informazzjoni meħtieġa | Lm100 għal kull ġimgħa jew parti minnha jekk in-nuqqas jibqa' sejjer |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 10 | transazzjonijiet ipprojbiti minn istituzzjoni finanzjarja | Lm50 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa jekk it-transazzjoni tibqa' sejra |

| | | |
|---|---|---|
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 18(1) | nuqqas li jinħatar awditur | Lm100 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa jekk in-nuqqas jibqa' sejjer |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 18(3) | nuqqas li jingħata avviż kif meħtieġ | Lm5 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa jekk in-nuqqas jibqa' sejjer |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 18(4) | nuqqas li jinbidlu l-awdituri | Lm100 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa jekk in-nuqqas jibqa' sejjer |
| Art 22(1)(a) b' riferenza għal Art 24 | uffiċjal skwalifikat li jaġixxi jew ikompli jaġixxi bħala uffiċjal ta' istituzzjoni finanzjarja | Lm100 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa jekk in-nuqqas jibqa' sejjer |
| Art 22(1)(b) | nuqqas li wieħed jimxi mal-kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet ta' liċenzja | Lm40 għal kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa li fiha n-nuqqas jibqa' sejjer |